**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO, LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JURIS (EUR LAW).**

**ATT TA' AKKUZA : 9/1997**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**-----omissis----**

**MUSTAFA ALI LARBED**

**Illum, 5 ta' Lulju, 2002.**

Il-Qorti :

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali ta' l-1 ta' April, 1998, li taqra hekk:

*" Il-Qorti:*

*Rat l-Att ta' Akkuza Nru. 9/97 ;*

*------omissis------*

*Rat ukoll il-verdett tal-gurati li bih b' seba (7) voti kontra tnejn (2) sabu lill-Mustafa Ali Larbed mhux hati ta' importazzjoni tad-droga eroina skond l-Ewwel Kap, izda sabuh unanimament hati ta' pussess tad-droga eroina Skond it-Tieni Kap ;*

*Rat ir-risposti tal-gurati ghall-kweziti tal-Qorti fis-sens li l-gurati................. ..............u kienu qed isibu lill-Mustafa Ali Larbed unanimament hati ta' pussess ta' l-ammont kollu msemmi fit-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jigifieri, elf, mitejn u tmienja w tletin punt seba' grammi ta' eroina; kif ukoll li kienu qedin unanimament isibu li d-droga msemmija (fit-Tieni Kap) ma kienetx ghall-uzu personali ta' Mustafa Ali Larbed ;*

*Tiddikjara lil-.....................................; u tiddikjara lil-Mustafa Ali Larbed mhux hati skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza w minnu tilliberah, izda tiddikjarah hati ta' pussess ta' eroina bi ksur tal-ligi, b'dan li r-reat sar taht cirkostanzi li juru li dan il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza ;*

*Semghet lill-Avukat.........................., u lill-Avukat Dott. Joseph Brincat ghall-hati Mustafa Ali Larbed dwar il-piena; hadet in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammont ta' droga nvoluta, u z-zmien li l-hati diga' ghamel taht arrest preventiv ;*

*Rat l-Artikoli 9, 10, 12, 15A, u 22 (1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) tal-Kap. 101; l-Artikoli 11, 17 (h), 22 u 533 tal-Kodici Kriminali ; kif ukoll ir-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi;*

*--------Omissis--------*

*Tikkundanna lill-imsemmi Mustafa Ali Larbed ghall-piena ta' disa' (9) snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll ghal Multa ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) konvertibbli f' sena prigunerija ohra f' kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi ;*

*Fl-ahhar nett tordna liz-zewg hatjin ihallsu lir-Registratur kull wiehed is-somma ta’ mija w tletin lira (Lm130) spejjes peritali nkorsi f’ dawn il-proceduri.*

*Il-Qorti tordna li l-eroina nvoluta f’ dan il-kaz tigi distrutta mir-Registratur, okkorrendo bl-assistenza ta' Dott. Anthony Abela Medici, u dan fi zmien gimghatejn mil-lum kemm il-darba l-Avukat Generali ma jindikax permezz ta’ nota prezentata mhux aktar tard mill-Gimgha, 3 ta’ April, 1998, li l-istess droga hi mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri ohra; ir-Registratur ghandu jippresenta fl-atti ta’ dan il-process proces-verbal bid-dettalji kollha tal-process ta’ distruzzjoni.”*

Minn din is-sentenza, apparti ko-akkuzat misjub hati wkoll, appella l-akkuzat misjub hati Mustafa Ali Larbed permezz ta’ rikors ta’ appell prezentat fl-20 ta’ April, 1998, fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati ta’ l-importazzjoni tad-droga, u tirrevokaha ghall-kumplament, u hekk tilliberah minn kull htija w piena, u, fi kwalunkwe kaz, tirriformaha in kwantu ghandu jinstab hati biss, u dan bla pregjudizzju ghall-premess, ta’ l-ammont minimu, u konsegwentement, il-piena tigi adegwata ghal tali kundanna.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluz il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Mejju, 2002, minn fejn jirrizulta li kien sar qbil biex din il-Qorti ghalissa tghati s-sentenza taghha fil-konfront ta’ l-appellant Mustafa Ali Larbed biss, u fil-konfront ta’ l-appellant l-iehor tghatiha f’ seduta ohra separatament.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat, cioe’, ta’ Dott. Joseph Brincat ghall-appellant Mustafa Ali Larbed, u ta’ Dott. Mark Said ghall-Avukat Generali.

**IKKUNSIDRAT :**

Essenzjalment l-appell ta' Mustafa Ali Larbed hu limitat (**1**) fuq il-fatti li rrizultaw waqt il-guri, u (**2**) fuq il-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Hu jikkontendi li kien gie misjub hazin fuq il-fatti billi jew kellu addirittura jigi misjub mhux hati anke mill-akkuza taht it-Tieni Kap, jew, alternativament, kellu jinstab hati ta' dik l-akkuza b'dan pero' li l-ammont tad-droga eroina li hu kien nstab hati ta' pussess xjenti taghha taht cirkostanzi li juru li din ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu kienet biss ta' 0.9 grammi w certament mhux l-ammont ta' elf, mitejn, tmienja u tletin punt seba' grammi (1238.7) grammi kif hemm imsemmi fil-verdett fuq it-Tieni Kap.

Fuq l-ewwel aggravju ta' l-appellant, ghalhekk, din hi purament kwistjoni ta' apprezzament tal-provi w fatti rizultanti. Din hi Qorti ta' Revizjoni u in esekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluza d-deposizzjoni tax-xhieda kollha, id-dokumenti esebiti, l-indirizz ta' l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda fil-guri, u dan biex tara jekk in bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant fit-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li tghamel din il-Qorti, u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn aktar, hi tasal ghal xi konkluzzjoni diversa minn dik milhuqha mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi w tirrimpjazzaha b' taghha, kemm il-darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kienux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, ragjonevolment u legalment jaslu ghall-konkluzzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem jinghad, mhux lecitu ghal din il-Qorti li tinvadi t-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri, irid ikun in kontradizzjoni manifesta w assoluta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b' mod illi ma

hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala assolutament infondat.

Minn dak li rat din il-Qorti, ma jidherx li hemm xi raguni legalment valida fit-termini appena msemmija l-ghaliex ghandha b'xi mod tvarja xi haga minn dak li ddecidew il-gurati bil-verdett taghhom dwar il-htija ta' l-appellant fuq it-Tieni Kap. Il-provi huma tali li in bazi taghhom, fl-assjem taghhom, il-gurati setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu kif kkonkludew. Anke ghal dak li huwa l-ammont tad-droga eroina li l-gurati ddecidew li din kienet f'dak l-ammont imsemmi fit-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza, u cioe' 1238.7 grammi, anke hawnhekk il-Qorti ma tasalx biex tvarja dak li ddecidew il-gurati u dan ghal istess raguni appena msemmija. Ghalhekk dan l-aggravju ta' l-appellant dwar il-fatti huwa respint, inkluza is-sottomissjoni tieghu li l-ammont kellu jkun dak minimu ta' 0-9 grammi biss misjub fil-but tal-glekk tieghu.

Dwar it-tieni aggravju ta' l-appellent, dak fuq il-piena, hu jghid li din kienet wahda eccessiva stante li hu gie misjub hati biss ta' pussess tad-droga eroina skond it-Tieni Kap u ma giex misjub hati ta' l-importazzjoni taghha. Hawnhekk ftit li xejn ghandha xi tghid din il-Qorti.

Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, apparti li hi fil-parametri tal-ligi, giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha rilevanti, inkluz l-ammont tad-droga eroina li l-appellant gie misjub hati li kien fil-pussess xjenti taghha taht cirkostanzi li juru li din ma kienetx ghal-uzu esklussiv tieghu. L-ammont tad-droga nvoluta kien wiehed konsiderevoli, aktar minn kilo eroina, precizament 1283.7 grammi, u certament l-ewwel Qorti qieset sewwa dan il-fattur meta giet biex tinfliggi l-piena. Ta' min jghid ukoll li l-piena massima li taghha huwa soggett ir-reat kif misjub hati l-appellant hi dik ta' ghomor prigunerija, minghajr ma hemm ebda minimu stipulat, kif ukoll multa ta' mhux anqas minn Lm1000 u mhux aktar minn Lm50,000. Issa f'dan il-kaz, l-Imhallef sedenti l-ewwel Onorabbli Qorti, wara li kkunsidra dak li kellu jikkunsidra, dehrlu li din il-piena massima ta' ghomor prigunerija ma kienetx wahda adegwata fic-cirkostanzi. Tant hu hekk li l-piena nflitta ta' disa' (9) snin prigunerija hija wahda ferm u ferm il-boghod minn dik massima stabbilita mil-

ligi. Kunsidrat li l-ammont tad-droga eroina kien wiehed piuttost konsiderevoli ta' 1238.7 grammi, il-piena karcerarja mposta mill-ewwel Qorti hija wahda ragjonevoli, certament mhiex xi piena eccessiva, u din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida legalment l-ghaliex ghandha b'xi mod tvarja minn din il-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll dik pekunjarja. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju huwa respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell ta' Mustafa Ali Larbed qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha, b'dan illi flimkien mat-tnaqqis ta' kull zmien li l-appellant kien mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, ghandu japplika wkoll d-dispost ta' l-Artikolu 509(5) tal-Kodici Kriminali in rigward tal-perijodu kollu li l-appellant ghamel mid-data tas-sentenza appellata moghtija mill-Qorti Kriminali fl-1 ta' April, 1998, sal-lum.